MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 140/2012

**A B**

Vs

**L-Avukat Dr. Patrick Valentino u l-PL Hilda Ellul Mercer**

**b'digriet tat-28 ta' Awwissi 2012 gew nominati**

**bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. ILLI l-esponenti kien iżżewweġ lill-intimata ta' nazzjonalita Pollakka fit-tmienja (8) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sitta (2006), kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. A.';

2. ILLI minn dan iż-żwieġ il-kontendenti ma' kellhomx tfal;

3. ILLI ż-żwieġ tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment minħabba raġunijiet rikonoxxuti mil-Ligi minħabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenuta fosthom eċċessi, sevizzi, offiżi gravi u abbandun;

4. ILLI f'Ġunju tas-sena 2011, il-konvenuta abbandunat l-fond matrimonjali u dan preżumibbilment sabiex tmur tgħix lura pajjiż twelida u cioe' l-Polonja, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, b'intenzjoni biex tibda ħajja ġdida hemm wara li qatgħet kull kuntatt mal-esponenti;

5. ILLI l-esponenti ġie debitament awtorizzat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet datat 20 ta' April 2012, sabiex jipproċedi għas-separazzjoni personali minn ma' martu, hawn annes u mmarkat bħala 'Dok. B';

6. ILLI l-esponenti kellu per forza jintavola dawn il-proċeduri;

**7.** ILLi dawn il-fatti kif hawn fuq dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tal-esponenti.

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikkjara u tippronunzja s-separazzjoni personali, *a mensa et thora*, bejn l-esponenti u l-konvenuta martu għar-raġunijiet fuq premessi, rikonoxxuti mil-Liġi u unikament imputabbli lill-konvenuta;

2. Tapplika nterament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-artiklu 48 sa 53 tal-Kodiċi Ċivili;

3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuta ddekadiet minn sehemha fil-Kommunjoni tal-Akkwisti, u konsegwentement tapplika l-effetti tal-Artikolu 48 *in toto* kontra l-istess konvenuta u konsegwentement tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt tagħha illi titlob manteniment mill-esponenti;

4. Tordna li l-esponenti għandu d-dritt għall-beni kollha dotali u parafernali tiegħu;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur ;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li *in forza* taghha huma ppremettew :

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero` jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet fejn ir-rikorrent jikkontendi li z-zwieg tkisser ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-intimata assenti, fosthom minhabba abbandun.

Il-Qorti tirrileva li permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet taghhom il-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw lill-intimat assenti ddikjaraw li m'humiex edotti mill-kaz u rrizervaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri f'kaz li jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

**<u>Il-VERZJONI TAR-RIKORRENT</u>**

Permezz tal-affidavit tieghu[1] r-rikorrent jghid li ltaqa' mal-intimata assenti waqt li kienet Malta fuq btala. Tul l-gherusija taghhom, kien imur il-Polonja diversi drabi fejn ghenha tirranga l-appartament taghha b'dan illi ghamel xi xogholijiet manwali u xtralha wkoll xi ghamara. Jghid ukoll li ma kellhiex relazzjoni tajba mal-familjari tieghu izda minkejja kollox, ftehmu li kienu ser jistabbilixxu residenza hawn Malta. Kienet l-intimata li proponiet iz-zwieg izda llum ir-rikorrent isostni li dan iz-zwieg kien wiehed ta' konvenjenza bir-raguni principali tkun relatata ma' flus u xejn aktar.

Jghid li l-problemi bdew ftit xhur wara z-zwieg b'dan li ghalkemm fil-bidu bdiet tiehu hsieb id-dar u t-tindif, wara abbandunat kollox. Lanqas fuq

[1] Esebit a fol 30 tal-process

ix-xoghol ma kellha sens ta' responsabbilita' ghaliex kienet tasal ir-*restaurant* tard. Ghalkemm ir-rikorrent kien jirrimarkalha dwar dan, kienet taghmel in-nervi u taqbad tghajjat. Jispjega li tant ma kienx hemm rispett bejniethom li meta kellu jaghmel operazzjoni u ghamel gimgha l-isptar, l-intimata marret tarah darba biss. Meta kellu bzonn operazzjoni ohra s-sena ta' wara u ghamel tliet ijiem l-isptar, l-intimata din id-darba lanqas biss marret tarah u gabet l-iskuza li kellha tiehu hsieb ir-*restaurant*. Jghid ukoll li sar jaf li l-intimata kellha xi forma ta' problema psikologika peress li kienet tiehu numru ta' *tranquilizers*. Min-naha tieghu jghid li kien ihobbha u ma halliha nieqsa minn xejn tant li ghamlilha *premier card* u qabel ma telqet ghal kollox lura lejn pajjizha ghaddielha s-somma ta' €2000. Jiddikjara li ghadu ma jafx ir-raguni proprja ghala l-intimata telqet u qatt ma regghet giet lura.

**<u>IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI</u>**

Il-Qorti tirrileva li jirrizulta car li l-partijiet izzewgu nhar it-8 ta' Dicembru 2006[2].

Permezz tal-affidavit tieghu[3], Ivan B jghid li minhabba l-fatt li hu fil-*business* ma' huh (ir-rikorrent) u kienu involuti wkoll in-nisa taghhom, ghamel perjodu ta' tmintax-il xahar meta kien jara lill-intimata kull jum. Ir-relazzjoni ta' bejn ix-xhud u l-intimata bhala *employer-employee* kienet wahda difficli u dan jattribwih ghall-karattru difficli u l-personalita' taghha. Jghid li r-relazzjoni taghha ma' huh u cioe' zewgha ma kienitx wahda normali bhal dik ta' koppja mizzewga ghaliex kienet tkellmu bl-herra, kienet arroganti u kien evidenti li ma kienitx tirrispettah. Jghid li telaq mill-*business* minhabba fiha. Imbaghad, l-intimata qabdet u telqet b'dan li l-intimat qatt ma rega' sema' b'ahbarha. Jaghlaq billi jghid li l-intimata zzewget lir-rikorrent ghall-flus u xejn aktar.

[2] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 4 tal-process

[3] Esebit a fol 36 tal-process

Permezz tan-nota guramentata tieghu[4], r-rikorrent jghid li l-komunjoni tal-akkwisti tinkorpora fiha tliet appartamenti li jinsabu fil-Bulgarija (deskritti bhala Flat C7, Flat C12 u E9 rispettivament) b'dan li s-sehem tal-istess rikorrent huwa dak ta' 42% b'dan li s-sehmu jammonta ghal €61,236[5]. Waqt seduta datata l-10 ta' April 2013[6] ir-rikorrent jispjega li l-pagamenti u l-hlasijiet saru minnu b'mod esklussiv (dejjem naturalment ghas-sehem li tieghu u formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti). Permezz ta' numru ta' dokumenti annessi ma' nota prezentata nhar il-15 ta' Mejju 2013[7], ir-rikorrent juri kif saru l-hlasijiet u l-pagamenti, liema hlasijiet u pagamenti r-rikorrent isostni li dejjem ghamilhom hu minghajr ebda kontribut da parti tal-intimata.

Permezz ta' nota ohra[8] ir-rikorrent jesebixxi kuntratt pubbliku datat is-6 ta' Mejju 1999 fl-Atti tan-Nutar Anthony Abela[9] u li permezz tieghu juri li d-dar matrimonjali u cioe' l-appartament internament immarkat bin-numru 25 fil-blokka bl-isem G.T. Court D, Triq Gian De La Vallette f'San Pawl il-Baħar huwa proprjeta' parafernali tal-istess rikorrent.

Permezz ta' nota datata t-28 ta' Jannar 2014[10] r-rikorrent jipprezenta wkoll kopja ta' polza ta' assikurazzjoni (HSBC Life Assurance (Malta) Ltd) li l-*policy holders* taghha huma l-partijiet. Ir-rikorrent jikkontendi li anke rigward tali polza, l-pagamenti dejjem ghamilhom hu u li l-intimata saret biss *policy holder* wara li kien ghamel tali polza u wara zidiet isimha bhala *policy holder* hi stess.

## DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI

Dwar l-ewwel talba, il-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

[4] Esebita a fol 39 tal-process

[5] Ara a fol 62 tal-process

[6] Ara a fol 48 tal-process

[7] Ara a fol 61 tal-process

[8] Esebit afol 61 tal-process

[9] Esebit a fol 64 tal-process

[10] Ara a fol 122 tal-process

"***Kull waħda mill-partijiet miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irrimedjabbilment***".

L-istess artikolu jsegwi billi jghid ukoll li talba ghal separazzjoni abbazi tal-fatt li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ma tistax tintlaqa' jekk ma jkunux ghaddew erba' snin mid-data taz-zwieg.

Mill-provi esebiti, specjalment mill-fatt li l-intimata telqet 'il barra minn Malta u qatt ma regghet ghamlet kuntatt mar-rikorrent (u *stante* li mal-gurnata tal-prezentata tal-kawza odjerna kien ghadda l-perjodu ta' erba' snin mid-data taz-zwieg ta' bejn il-partijiet) il-Qorti m'ghandha ebda dubju illi z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli u allura t-talba tal-istess rikorrent ghas-separazzjoni personali ma tistax ma tintlaqax u dan abbazi ta' ragunijiet li huma unikament imputabbli lill-istess intimata.

**DWAR IT-TALBA TAL-APPLIKAZZJONI TAD-DISPOSIZZJONIJIET TAL-ARTIKOLU 48 SA' 53 TAL-KODICI CIVILI**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia** deciza fit- 2 ta' Ottubru 2003[11] fejn ghamlet referenza ghal Artikolu 51 tal-Kodici Civili li jghid li:-

"***Il-firda li ssir minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikolu 40*** [u cioe' eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment]***, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taht ic-cirkostanzi tal-kaz, ghandhom jghoddu, f'kollox jew f'bicca, id-dispozizzjonijiet ta' dak l-artikolu." L-effetti kontemplati mill-artikolu fuq citat ghandhom japplikaw biss f'kaz fejn iz-zwieg ikun tfarrak bi htija preponderanti ta' xi hadd mill-mizzewgin***".

Il-Qorti hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija unikament imputabbli lill-intimata u ghaldaqstant m'hemm ebda raguni ghaliex d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 m'ghandhomx jigu applikati kontra l-intimata.

*Stante* li l-Qorti hija tal-fehma li mill-provi jirrizulta li t-tort ghall-firda personali hija l-intimata u li formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti

[11] Rik Ġur Nru 98/2002

hemm sehem ta’ 42% minn tliet appartamenti gewwa l-Bulgarija kif ukoll polza ta’ assigurazzjoni mal-HSBC, b’applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, tali proprjeta’ ghandha titqies bhala l-proprjeta’ esklussiva tar-rikorrent. Id-dar matrimonjali hija proprjeta’ parafernali tar-rikorrent li nxtrat qabel iz-zwieg mal-intimata u ghalhekk l-intimata m’ghandha ebda sehem mill-istess dar.

**DWAR ID-DEKADENZA TAL-INTIMATA**

Il-Qorti tirrileva li qieghda taghti kredibilita’ lir-rikorrent, li flimkien mal-affidavits li ipproduca, esebixxa ukoll numru ta’ dokumenti illi jikkorraboraw il-verzjoni tieghu u l-ammonti msemmija minnu. Konsegwentement f’dawn ic-cirkustanzi, specjalment in vista tal-fatt li l-istess intimata qabdet u telqet minn Malta u qatt ma regghet ghamlet kuntatt mieghu, l-Qorti ma tarax ghaliex m’ghandhiex tilqa’ din it-talba.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija imputabbli unikament lill-intimata;

[2] Tilqa’ t-tieni talba b’dan li tapplika l-Artikolu 48 *in toto* kontra l-istess intimata;

[3] Tilqa’ it-tielet talba u konsegwentement tiddikjara li l-proprjeta’ kollha msemmija aktar ‘il fuq u formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, inkluz is-sehem tal-intimata fi tliet appartamenti gewwa l-Bulgarija u l-polza ta’

assigurazzjoni mal-HSBC ghandhom jitqiesu bhala proprjeta' tal-istess rikorrent;

[4] Tilqa' r-raba' talba b'dan li jigi dikjarat li l-appartament gewwa San Pawl il-Bahar msemmi aktar 'il fuq huwa l-proprjeta' parafernali tar-rikorrent u konsegwentement l-intimata m'ghandha ebda dritt fuq l-istess.

Bl-ispejjez kontra l-intimata b'dan li l-ispejjez relatati mal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provizorjament mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------